# *Vista Pastorali fil-Knisja tal-Lunzjata (Gudja)*

## *26 t'Ottubru 1759*

L-Isqof Bartholomew Rull iddelega għall-visitazzjoni ta' din il-Knisja filjali li tinsab fir-raba' lir-Rev. saċerdot Marija Azzopardi Castelletti Vigarju Ġenerali, kanonku tal-Kattidral ta' Malta li mar jinvista f'din il-Knisja mal-Kanċilier. *(Din hija translazzjoni fidila tal-vista).*

Invistajt l-Knisja filjali bit-titlu tal-Lunzjata li reġgħet inbniet mill-ġdid mill-qiegħ nett fil-post fejn kienet il-Knisja l-qadima li kellha l-istess titlu, u tbierket fl-1755, f'Ħadd il-Ġdid, mill-kappillan li kellu l-permess li tahulu b'fommu stess l-Isqof ta' qabel dan. Huwa sab li l-knisja kellha forma ta' salib b'erba' arkati li fuqhom kien jistrieħ struttura tonda bl-anterna żgħira magħha. Sab il-Knisja mibnija b'mod l-iżjed modern, bl-altar maġġur diġa' lest: kont tista' titla fuqu b'żewġ turġien tal-ġebel duplikat u b'dak li hu neċessarju għall-altar. Kellu wkoll immaġini mdaħħla fil-ħajt bejn ġebel li għadu jrid jitħaffer xi ftit; immaġini li turi Lunzjata.

Hemm żewġ altari fil-ġnub, li għadhom mhux lesti, u bibien fil-ġnub ta' l-altar li jagħtu għas-sagristija li nbniet wara l-altar: huma għad m'għandhomx l-injam fihom (l-injam tal-bieb), iżda l-Knisja għandha bieb ta' l-injam, u hemm ukoll tieqa tal-ħġieġ fuqu, u grada tal-ħadid.

Il-festa jagħmluha fil-25 ta' Marzu bil-primi vespri, b'quddiesa bil-kant, u jqassmu kolazzjon. Biex iħallsu għal dan li għedna u biex jinxtegħel il-lampier fil-ġranet li semmejna, il-knisja għandha propjeta li għandha piżijiet apposta.

Il-knisja għandha dawn l-obbligi: quddiesa waħda kull nhar ta' Ġimgħa li kien ħallieha Mario Xiberras (illum mejjet) li tniżżlet fl-atti tal-magnifiku Ludovico Fava, (nutar illum mejjet), u titħallas mid-dħul ta' għalqa li tinsab fl-inħawi ta' Ras El Wied u ġġib l-isem ta' Herun.

Tlett quddisiet li jsiru ta' kull xahar mħollija minn Xandru Falzon u mniżżla fl-atti tan-nutar, il-magnifiku Mattew Bonici, fil-11 ta' Ġunju 1748, u jitħallsu mid-dħul ta' għalqa msejjħa ta' Żebbuġa li qiegħda l-Gudja, u ngħatat b'ċens ta' 20 skud fis-sena.

Żewġ quddisiet kull xahar mħollija minn Bernard Farrugia mniżżla fl-atti tan-nutar Gio. Domenico Gatt fil-15 ta' Lulju 1670 u jagħmlu tajjeb għalihom żewġ għelieqi fl-inħawi ta' S. Domenica delli Brolli li jgħidulhom El Herep.

Il-prokuratur tal-knisja huwa Dun Ġwann Barbara, u mill-kotba tad-dħul u nfieq jidher ċar li baqagħlu jieħu 448 skud minħabba spejjeż li għamel sas-sena 1757 għall-Knisja (448 skud. 10 tari. 14 grani); u wara li ħalla għalih 100 skud li wegħditu persuna li tiġi l-knisja ttihomlu għall-knisja. Il-bqija tas-somma, jiġifieri 348 skud ħallihom (ċedihom) favur l-istess Knisja. U hemm nota miktuba mill-awditur tal-Magna Curia Episkopalis li tgħid dan. Billi Dun Ġwann Barbara xtaq li fil-preżenza tar-Rmu. Sinjur dak li qal li daħlet u ħarġet il-knisja ikun ta' min jorbot iżjed fuqu, permezz ta' dak li qed niktbu issa, reġa' għal darba oħra ħalla, u għadu bl-istess fehma, dawk it-348 skud 10 tari u 14-il gran lill-istess Knisja. U ħa wkoll ġurament.

Ir-Rmu. Sinjur li kien qed jinvista l-Knisja, aċċetta t-tħollija tas-somma. L-istess Dun Ġwann Barbara, il-prokuratur ippreżenta l-karti tad-dħul u nfieq ta' l-amministrazzjoni tiegħu u Rmu. Sinjur ordna li huwa jippreżenthom ukoll fil-Magna Curia Episkopalis.

Ref.

A.A. Vis. Past.XXXVII

*(Mill-programm tal-festa tal-Lunzjata – Gudja 2000)*